**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 30

**03 ta' Novembru 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 30.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

30.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Oriana Calleja li ma setatx tattendi ghal-laqgha minhabba ragunijiet tax-xoghol taghha.

30.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Kunsillier Eugenio Muscat li ma settax jattendi ghal-laqgha minhabba ragunijiet ta' sahha.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet ghal raguni gustifikata

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

30.2.1 Is-Sindku Max Zammit ghamel xi korrezjoni tal-minuti kif gejjien hawn that miktubin bil-bold:

**28.7.2** - Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm bzonn inkelmu lid-Dipartiment tas-sahha biex kull nhar ta' Erbgha terga tibda tigi t-tabiba u nurse. **Din it-talba kienet diga saret mill-kunsill.**

**Il-Kunsill qabel unanimament illi nkomplu naghmlu presjoni**.

**28.7.4** - Is-Sindku qal li fejn tahdem ohtu, **igifieri l-Intercontinental Hotel ghandhom xi arbuxelli li jistghu jtuna bhala donazzjoni** u fil-jiem li gejjien ghandhom jigu mhawla.

**28.7.5 -** Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li Library ghandha bzonn tigi trangata. Is-Sindku qal li huwa kien issuggerrixxa li l-Library kienet tinqasam parti fejn naghmlu computer lab zghir u parti ohra naghmluha Library, **madanakollu dak iz-zmien ma kienx hemm qbil fil-kunsill.**

**28.8.1** - Il-Kunsillier Oriana Calleja ssuggerriet li kultant nibdew nahslu l-bankini ghax hemm certu postijiet li qed ikunu mahmugien hafna. Hija semmiet li Triq id-Deffa u Triq George Mitrovich hemm bzonn li jinhasel sewwa ghax hemm hmieg li ilu hafna hemm. Qalet ukoll li b'konsigwenza ta' dan il-hmieg qed jigu hafna asian hornets.

Il-Kunsilliera **qablu u** hargu b'ideat differenti kif ghandhom jigu mnadfa l-bankini. Is-Segretarju Ezekuttiv se ticcekja kemm jiswewna u niddeciedu minn hemm hekk.

**29.4.1-** Is-Sindku gibed l-attenzjoni li ghal diversi tul ta' snin, dejjem kien hemm il-fiducja li certu affarijiet zghar ma jkollniex ghalfejn noqodu nistennew laqgha tal-kunsill biex din tigi approvata ghax b'hekk jemmen li l-operat tal-Kunsill jahdem ahjar u ma jkollniex ghalfejn inkaxkru saqajna biex
isiru certu affarijiet.

**Ghaldaqstant is-Sindku qed jitlob delega mill-Kunsill bil-miktub fejn uffiċjalment ikollu permess biex ikun jista jordna xi affarijiet li jkunu urgenti/affarijiet zghar u ma joqghodx jistenna biex tigi diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill.**

Wara diskussjoni twila l-Kunsill iddecieda li s-Sindku jkollu delega bi treshold sa €1000 fix-xahar biex b'hekk jitjieb l-operat tal-kunsill.

## 30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

30.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mresqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha

## 30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

30.4.1 Is-Sindku qal li s-sleeping policeman ta' Triq Abate Rigord giet tajba hafna pero xtaq li jkolna kwotazzjoni ohra biex ikunu nistghu nikkomperaw il-prezzijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-prezz li taghna huwa specjali biex nqabduh ukoll ghaz-zewg sleeping policeman ta' Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu ghas-sleeping policeman ta' quddiem il-Mamma Mia nqabdu lilu peress li hija urgenti u s'issa huwa l-unika supplier li taghna kwotazzjoni imma ghas-sleeping policeman l-ohra jixtieq kwotazzjoni ohra.

Il-Kunsill qabel unanimament.

30.4.2 Is-Sindku qal li r-Regjun Centru hareg skema sa €34,000 fejn dawn jistghu jintuzaw ghal progetti differenti. Huwa ssuggerrixxa li nistghu naplikaw ghal progett ta' Safety and Embelishment in Ta' Xbiex, biex b'hekk inkunu nistghu ndahlu l-ispejjez taz-zewg sleeping policeman, cameras fi Triq Emanuel Galizia, Plants Maintenance Agreement u nbidlu l-bozzoz ta' taht il-bankini fi Triq ix-Xatt.

Il-Kunsill qabel unanimament.

30.4.3 Is-Sindku qal li nharget skema ohra minn naha tar-Regjun Centru dwar taghlim fil-muzika moghtija mil-kazini tal-baned. Huwa qal li ghalkemm go Ta' Xbiex m'ghandniex banda, tal-idea li jsaqsi lir-Regjun hekk nistghux ninaqdu ma' lokalita' ohra.

Il-Kunsill qabel li jekk ir-Regjun Centru jaccetta li ninaqdu ma Kunsill iehor, ghandna napplikaw ghal din l-iskema.

## 30.5 Vakanza ta' Skrivan Part Time;

30.5.1 Minhabba li l-Vici Sindku Oriana Calleja u l-Kunsillier Eugenio Muscat mhux prezenti s-Sindku xtaq li din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 30.6 Tizjin tal-Milied;

30.6.1 Is-Sindku qal li r-Regjun Centru hargu skema ta' €3000 dwar tizjin tal-Milied.

Il-Kunsill qabel unanimament li naplikaw ghal din l-iskema.

Il-kunsill qabel li nghidu lis-Sur Victor Tedesco li normalment dejjem johdielna hsieb it-tizjin tal-Milied. Gie deciz li ghandna nzejnu Triq Principessa Margerita, Triq Abate Rigord, 4 sigar u fustun fi Triq ix-Xatt bejn l-Irrera u l-Gnien tal-Gzira.

## 30.7 Festin tal-Milied;

30.7.1 Il-Kunsill qabel li se ssir attivita' tal-Milied gewwa l-Kunsill.

## 30.8 Attivita' tal-Milied;

30.8.1 Is-Sindku qal li hemm skema ohra tar-Regjun Centru ta' €10,000. Huwa ssuggerrixxa li peress li hemm hafna ristruzzjonijiet minhabba l-Covid-19, nqabdu lil xi hadd professjonali u jiehu hsieb kollox huwa minbarra l-catering. Huwa zied jghid li din peress li tkun fuq barra hemm hafna inqas riskju.

Il-Kunsill qabel.

## 30.9 SPI/SCI/8/2021 Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Accessibilita' u Mobilita' ;

30.9.1 Ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 30.10 Deputat Segretarju Ezekuttiv;

30.10.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li d-Dipartiment m'ghandu lil hadd rregistrat bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex. Huwa qal li s-Sa Yasmine Tonna kellha din il-pozizzjoni qabel ma lehqet Segretarju Ezekuttiv. Huwa spjega li ghal ragunijiet ovji s-Sa Yasmine Tonna ma settetx tibqa Deputat Segretarju Ezekuttiv u ghal Kunsill awtomatikament kien saqsa lis-Sa Anna Micallef li ghandha l-kariga ta' Principal Assistant Skala 11. Is-Sa Anna Micallef kienet accettat imma l-Kunsill ma kienx informa lid-Dipartiment.

Il-Kunsill qabel li d-Dipartiment ghandu jigi infurmat li-Sa Anna Micallef kienet accetat il-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 30.11 2nd Quarterly report 2021;

30.11.1 Peress li mhux kulhadd kien prezenti gie deciz li niddiskutuwa fil-laqgha li jmiss.

## 30.12 Reply to management letter;

30.12.1 Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv infrumatu li ghandha deadline ghaldaqstant sfortunatament ma nistghux nistennew sal-laqgha li jmiss biex ikun kulhadd prezenti.

Is-Segretarju Ezeluttiv resqet ir-reply to management letter ghall-approvazzjoni, Ma kien hemm l-ebda korezzjoni.

Ir-reply to management letter giet approvata mill-Kunsill.

## 30.13 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

30.13.1 Ma kienx hemm.

## 30.14 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

30.14.1 Ma kienx hemm.

## 30.15 Rapporti mill-Kunsilliera;

30.15.1 Ma kienx hemm.

## 30.16 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

30.16.1 Il-laqgha li jmiss ha ssir l**-Erbgha 22 ta' Dicembru** fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tmienja u nofs ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 03 ta' Novembru, 2021.

**_IFFIRMATA__________**
Max Zammit
Sindku

**__IFFIRMATA_____**
Yasmine Tonna
Segretarju Ezekuttiv